MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 1/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**ANDREW BUHAGIAR**
**ta' 38 sena, bin Emanuel u Pauline nee' Zammit, imwieled Attard nhar l-10 ta' Settembru, 1969, residenti fil-fond numru 41, Triq Spiru Spiteri, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 379369M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzI kontra l-hawn fuq imsemmi Andrew Buhagiar li gie akkuzat talli fuq il-Monti ta' Marsaxlokk, nhar id-29 ta' Awwissu, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia, u dan bi ksur tal-Artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 398B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U fl-ahharnett talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf ghal xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ *trademark* registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak, u dan bi ksur tal-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a foglio 6 ta’ dan il-process;

Rat illi fl-interrogatorju Andrew Buhagiar wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-kwerela ezebita a foglio 14, DOK A f'isem Nokia Corporation;

Rat ukoll ir-rapport ex-parte redatt mill-istess socjeta' allegatament lesa, u l-accettazzjoni tad-Difiza ghal konkluzjoni ta' l-istess rapport a foglio 31 DOK PF, u foglio 50 rispettivament;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi Andrew Buhagiar ammetta kemm fl-istqarrija kif ukoll viva voce meta xehed quddiem din il-Qorti li huwa kellu fil-pussess tieghu ghal skop ta' bejgh, covers tan-Nokia, li allura accettat ir-rapport ex-parte gia msemmi huwa falz;

Illi Andrew Buhagiar wera bic-car lill-Prosekuzzjoni l-provenjenza ta' l-akkwist ta' tali Nokia covers, akkwist li sar minghand socjeta' minnu ndikata, tant li anki wera d-dokumentazzjoni ta' tali akkwist. Fil-fatt minn imkien mill-provi ma rrizulta illi Andrew Buhagiar kellu xi xjenza tal-falsita' ta' tali covers, jew ried li jqarraq lit-terzi dwar il-genwinita' tal-prodott li hu kien qiehged jinnegozja, ghaldaqstant tqisu mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------